# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Interpretazzjoni

## Tad-Decizjoni Nru 1573

KAZ NRU. 1809CD

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

UPAP

u

MEPA

dwar nuqqas ta' qbil tal-klawsola 14.6 tal-ftehim kollettiv tal-UPAP u dwar l-assimilazzjoni ta' membri tal-Union li jottjenu "degree" meta jkunu gia mpjegati ma' l-Awtorita

**Chairman: Is-Sur Carmel Debono**
**Membri: Is-Sur John Falzon**
**Is-Sur Michael J. Mallia**

Illum l-Erbgha 2 ta' Awissu 2006

It-Tribunal Industrijali kien ircieva talba ghall-interpretazzjoni ta' zewg punti tad-decizjoni moghtija fil-24 ta' Jannar 2005 dwar it-Tilwima ta' bejn il-Union tal-Professjonisti ta'l-awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-MEPA.

Ghall-UPAP deheru l-President ta' l-istess Union is-Sur Chris Attard u s-Sur Bernard Ferry, Membru assistiti mill-Avv Owen Bonnici.

Ghall-MEPA deher is-Sur Matthew Gatt, Director Corporate Services assistit mill-Avv Vanessa Borg.

It-Tribunal zamm seduta wahda.

Xehdu s-Sur Chris Attard ghall-UPAP u s-Sur Matthew Gatt ghall-MEPA.

It-Tribunal sema l-partijiet rigward punti (a) u (b) fl-ittra tal-UPAP lill-Ministru tal-Politika Socjali datata 16 ta' Dicembru 2005 u ddecieda dan li gej:-

Punt (a) rigward arretrati ta' salarju:-
It-Tribunal hu tal-fehma li l-individwu ghandu jithallas skond ma qed jitlob il-UPAP ghax dan hu principju stabbilit.

Punt (b) training Credit arrears:-
It-Tribunal jaqbel mall-pozizzjoni tal-MEPA u jhoss li din hi wahda gusta u generuza fic-cirkostanzi.

Mill-kumplament, id-decizjoni Nru 1573 hija ampjament cara u ma tinhtieg l-ebda spjegazzjoni. Del resto l-ezekuzzjoni tad-decizjoni ma tippartjenix lit-Tribunal Industrijali.

| | | |
|---|---|---|
| Carmel Debono | John Falzon | Michael J. Mallia |
| Chairman | Membru | Membru |